



Dokument ta' sessjoni

A9-0018/2022

3.2.2022

RAPPORT

dwar l-involviment maċ-ċittadini: id-dritt ta' petizzjoni, id-dritt ta' referenza għall-Ombudsman Ewropew u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (2020/2275(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Marie-Pierre Vedrenne
Rapporteur għal opinjoni (*):
Helmut Scholz, Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

(*) Kumitati assoċjati – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI	20
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	27
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	28

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-involviment maċ-ċittadini: id-dritt ta' petizzjoni, id-dritt ta' referenza għall-Ombudsman Ewropew u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (2020/2275(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirriflettu l-importanza li t-Trattat jattribwixxi lid-dritt taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE li jiġbdu l-attenzjoni tal-Parlament għall-preokkupazzjonijiet tagħhom,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 228 tat-TFUE dwar ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew,
- wara li kkunsidra l-miżura tal-Kunsill li tistabilixxi l-Qafas fil-livell tal-UE Rivedut Mitlub mill-Artikolu 33.2 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 11, 41, 42, 43 u 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew,
- wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tat-TFUE fir-rigward tal-proċedura ta' ksur u, b'mod partikolari, l-Artikoli 258 u 260 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 222, 230 u 216 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 10(3) tat-TUE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 20 tat-TFUE dwar id-dritt li ċ-ċittadini jressqu petizzjoni lill-Parlament Ewropew, id-dritt li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew, kif ukoll id-dritt li jindirizzaw lill-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi tal-Unjoni bi kwalunkwe lingwa tat-Trattat u d-dritt li jirċievu tweġiba bl-istess lingwa,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew,

¹ ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taç-çittadini Ewropej²,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/1042 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jstabilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji tal-ġbir, tal-verifika u tal-eżami previsti fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taç-çittadini Ewropej fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A9-0018/2022),
- A. billi l-Artikolu 10(3) tat-TUE jgħid li "[k]ull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni" u "[d]-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-çittadin";
 - B. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu "rwol ta' protezzjoni" sabiex jiżgura l-konformità tal-UE mas-CRPD fit-tfassil tal-politika u fl-azzjonijiet leġiżlattivi fil-livell tal-UE; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament ġie identifikat biex jiffurma l-Qafas tal-UE flimkien mal-Ombudsman Ewropew, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali u l-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità fil-Qafas fil-livell tal-UE Rivedut kif adottat mill-Kunsill fit-3 513-il laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Jannar 2017;
 - C. billi t-titjib tal-parteeipazzjoni taç-çittadini u t-trasparenza fil-livell tal-UE huwa kruċjali biex jingħalaq id-distakk perċepit bejn l-UE u ç-çittadini tagħha, kif ukoll bejnha u bejn l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi;
 - D. billi d-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taç-çittadini tal-UE, minqax fl-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
 - E. billi l-għadd ta' petizzjonijiet baqa' modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE u dan jikkonferma l-bżonn ta' sforzi kbar u miżuri mfassla apposta biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jinkiseb titjib sinifikanti fir-rigward tal-eżerċizzju tad-dritt ta' petizzjoni; billi bħala medja jitressqu madwar 1 200 petizzjoni fis-sena quddiem il-Parlament Ewropew;
 - F. billi, filwaqt li l-għadd ta' petizzjonijiet imressqa quddiem il-Parlament Ewropew laħaq l-ogħla livell tiegħu fl-2013, qed jiġi osservat tnaqqis; billi ħafna ċittadini Ewropej għadhom ma jafux bid-dritt ta' petizzjoni;
 - G. billi l-kriterji għall-eliġibilità tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 226 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, li jirrikjedu li l-petizzjonijiet iridu jitressqu minn ċittadini jew residenti tal-UE affettwati direttament minn kwistjonijiet li jaqgħu fl-oqsma ta' attività tal-UE;

² ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

³ ĠU L 213, 17.7.2020, p. 7.

- H. billi l-Parlament għandu l-aktar proċedura ta' petizzjonijiet miftuħa u trasparenti fl-UE, u jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw fl-attivitajiet tiegħu, inklużi d-dibattiti fil-kumitati u s-seduti ta' smiġh;
- I. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu jeżamina u jipproċessa kull petizzjoni u huwa l-uniku kumitat li jżomm djalogu ta' kuljum maċ-ċittadini;
- J. billi d-dritt ta' petizzjoni spiss jiġi eżerċitat minn individwi;
- K. billi t-tiżiħ tad-dritt ta' petizzjoni jista' jinkiseb biss billi tittejjeb il-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri li jaslu għal soluzzjonijiet effettivi u f'waqthom għall-kwistjonijiet imqajma mill-petizzjonanti, filwaqt li jiżguraw il-ħarsien sħiħ tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini;
- L. billi xi petizzjonijiet jiġu ddikjarati inammissibbli minħabba nuqqas ta' informazzjoni jew minħabba konfużjoni fost iċ-ċittadini dwar il-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea;
- M. billi l-Kummissjoni xorta naqset milli tippovdi informazzjoni komprensiva dwar l-għadd ta' petizzjonijiet li wasslu għall-bidu ta' proċedura ta' ksur jew għal kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva jew mhux leġiżlattiva oħra;
- N. billi r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament hemm bżonn li jiġu riveduti biex isir titjib fir-regoli rilevanti dwar il-proċess tal-petizzjonijiet bil-ħsieb li jissaħħu l-viżibilità u s-segwitu tal-petizzjonijiet, inkluż fl-attivitajiet plenarji tal-Parlament, sabiex il-kwistjonijiet imqajma permezz ta' petizzjonijiet jiġu integrati b'mod aktar effettiv fil-prijoritajiet tal-aġenda politika tal-UE;
- O. billi l-Kummissjoni bbażat l-istrateġija tagħha għat-trattament tal-petizzjonijiet fuq il-komunikazzjoni tagħha tal-2016 bit-titolu "Id-dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar", li ma fiha l-ebda dispożizzjoni li tistabbilixxi proċeduri jew Prattiki amministrattivi dwar il-petizzjonijiet;
- P. billi t-TFUE jsaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ICE);
- Q. billi għandha tiġi sottolinjata l-importanza tal-ICE fit-tfassil tal-inizzjattivi u l-iżviluppi tal-politika tal-UE;
- R. billi i-ċittadini tal-Unjoni għandhom id-dritt li javviċinaw lill-Kummissjoni b'talba diretta biex din tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati;
- S. billi l-UE jeħtiġilha tiggarrantixxi li i-ċittadini d-dritt li jipparteċipaw attivament fl-attivitajiet demokratiċi tal-Unjoni Ewropea bil-lingwa materna tagħhom sabiex jiġi evitat kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni;
- T. billi l-ICE tikkontribwixxi għat-tiżiħ tal-funzjonament demokratiku tal-Unjoni permezz tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika u politika tagħha; billi l-

IĊE għandha tiġi kkunsidrata bħala wieħed mill-mezzi, li fosthom hemm b'mod partikolari d-djalogu mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili, il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati, id-dritt ta' petizzjoni u d-dritt ta' tressiq ta' ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew, li jippermettu li ċ-ċittadini jgħibu ċerti kwistjonijiet għall-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u jirrikorru għandhom biex jilleġiżlaw dwar il-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-UE u li jaffettwaw liċ-ċittadini;

- U. billi r-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020, għamel l-IĊE aktar aċċessibbli u aktar faċli biex tiġi implimentata għall-organizzaturi, partikolarment permezz tat-traduzzjoni tal-inizjattivi bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;
- V. billi l-Kummissjoni elenkat għadd ta' diffikultajiet marbuta mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 2011/211 u billi r-Regolament (UE) 2019/788 il-ġdid għandu l-għan li jindirizza dawk il-kwistjonijiet fid-dettall fejn tidħol l-effettività tal-istrument tal-IĊE u jtejjeb il-funzjonament tiegħu; billi l-implimentazzjoni tiegħu jeħtieġ tiġi vvalutata b'mod effettiv u f'waqtu; billi, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport formali mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024, u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem;
- W. billi, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet u jitwettaq il-potenzjal sħiħ tal-IĊE, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-IĊE għandhom jiżguraw li l-inizjattivi li huma validi fis-sens tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 788/2019 jingħataw kunsiderazzjoni u rispons xierqa mill-Kummissjoni; billi l-Kummissjoni hija legalment obbligata tindika l-azzjoni li biħsiebha tiegħu fir-rigward ta' IĊE valida, jekk tiegħu azzjoni, u tindika b'mod ċar, komprensibbli u dettaljat ir-raġunijiet il-għala tkun haċet jew ma haċitx azzjoni; billi huma meħtieġa mill-inqas miljun firma minn kwart tal-Istati Membri biex IĊE tkun valida u titressaq quddiem il-Kummissjoni; billi r-Regolament (UE) 2020/1042 renda l-iskadenzi għall-istadji tal-ġbir, il-verifika u l-eżami aktar flessibbli minħabba l-pandemija globali relatata mal-COVID-19 bl-introduzzjoni ta' miżuri temporanji; billi l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri ġiet estiża permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni; billi dan ir-regolament huwa biss ta' natura temporanja u japplika biss sa tmiem l-2022, li hija wkoll id-data sa meta s-sistemi individwali ta' ġbir online previsti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/788 se jkunu tneħħew gradwalment;
- X. billi l-organizzazzjoni ta' IĊE u l-espressjoni ta' appoġġ għaliha jikkostitwixxu dritt politiku għaċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll strument uniku biex jiġu ddefiniti l-prijoritajiet fir-rigward tad-demokrazija parteċipattiva fl-UE, biex iċ-ċittadini jkun jista' jkollhom sehem attiv fil-proġetti u l-proċessi li jaffettwawhom; billi s'issa kien hemm sitt IĊE validi, li lkoll irċevew tweġiba mill-Kummissjoni, l-aktar reċenti l-inizjattivi Minority SafePack u End the Cage Age; billi dawn l-inizjattivi kienu l-ewwel IĊE li ġew diskussi fil-Parlament wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/788 il-ġdid u b'mod konformi mal-Artikolu 222(8) li għadu kif ġie introdott fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; billi r-riżoluzzjonijiet sussegwenti ġew adottati mill-Parlament f'Diċembru 2020 u f'Ġunju 2021 rispettivament, b'maġġoranzi kbar ħafna ta' 76 % u 82 % tal-voti mitfugħa;
- Y. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet irċieva 107 talba għall-varar ta' IĊE, li minnhom 83 kienu meqjusa eliġibbli u kkwalifikaw għar-reġistrazzjoni, u sitta minn dawn kienu ta'

suċċess;

- Z. billi wieheċ mill-obiettivi prijoritarji tal-UE jrid ikun li ssaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tagħha u li tiżgura t-trasparenza sħiħa tal-proċessi tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-UE, kif ukoll li tiproteġi b'mod effettiv id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u ssaħħaħ l-involviment taċ-ċittadini fit-tfassil tal-aġenda politika tal-UE permezz ta' strumenti ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini li huma msaħħa u aktar effettivi u trasparenti;
- AA. billi l-Artikoli 20, 24 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jagħtu s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li tilqa' lmenti li jikkonċernaw każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;
- AB. billi l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman jiffukaw l-aktar fuq it-trasparenza u r-responsabbiltà, il-kultura ta' servizz, l-eżerċitar xieraq ta' setgħat diskrezzjonali u r-rispett għad-drittijiet proċedurali;
- AC. billi fl-2020 ġie ċċelebrat il-25 anniversarju mill-ħolqien tal-Ombudsman Ewropew; billi minn mindu nfetaħ, l-uffiċċju tal-Ombudsman ittratta 57 000 ilment, li wasslu għal aktar minn 7 600 inkjesta;
- AD. billi d-dritt ta' petizzjoni, id-dritt ta' referenza għall-Ombudsman Ewropew, u l-IĊE huma għodod parteċipattivi, li jħeġġu t-trasparenza, id-demokrazija parteċipattiva u ċ-ċittadinanza attiva Ewropea;

Id-dritt ta' petizzjoni

1. Ifakkar li d-dritt ta' petizzjoni huwa l-eqdem strument tal-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-livell tal-UE u li huwa l-aktar mod sempliċi u dirett biex iċ-ċittadini jikkuntattjaw lill-istituzzjonijiet tal-UE, jesprimu l-perspettiva tagħhom fuq il-leġiżlazzjoni adottata u l-għażliet ta' politika magħmula fil-livell tal-UE, kif ukoll iressqu lmenti dwar lakuni u implimentazzjoni fqira; ifakkar li l-għadd ta' petizzjonijiet imressqa meta mqabbel mal-popolazzjoni tal-UE għadu modest u li jeżistu differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-lingwi f'dak li għandu x'jaqsam mal-eżerċizzju tad-dritt ta' petizzjoni; jemmen li kampanji ta' informazzjoni mmirati u edukazzjoni ċivika dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE jistgħu jilħqu popolazzjoni usa' u jwasslu għal riżultati tanġibbli fis-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadini fil-livell tal-UE; jissottolinja li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu firxa wiesgħa ta' strumenti għad-dispożizzjoni tiegħu, jiġifieri l-abbozzar ta' rapporti u riżoluzzjonijiet, seduti ta' smiġħ pubbliċi, sessjonijiet ta' ħidma tematiċi u missjonijiet ta' għbir ta' informazzjoni, li bihom jista' jwieġeb għat-tħassib taċ-ċittadini u jhegġegħ lill-Parlament Ewropew, lill-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra u lill-awtoritajiet nazzjonali jieħdu azzjoni; jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet iżid il-kollaborazzjoni tiegħu mal-parlamenti nazzjonali u joħloq sħubija li tippermetti l-iskambju tal-aħjar Prattiki;
2. Ifakkar li l-mod li bih jiġu ttrattati l-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet għandu impatt deċiżiv fuq iċ-ċittadini fir-rigward tar-rispett effettiv għad-dritt ta' petizzjoni

minqax fit-Trattati tal-UE, kif ukoll fuq l-opinjoni taċ-ċittadini dwar l-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

3. Jiddispijaċih li r-rifjut tal-Kummissjoni li tiegħu azzjoni dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet individwali jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet attwali tat-Trattati tal-UE dwar id-dritt ta' petizzjoni, peress li mhuwiex limitat għal kwistjonijiet ta' importanza strateġika jew li jirriflettu problemi strutturali;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi b'mod tempestiv l-approċċ strateġiku attwali tagħha għat-trattament tal-petizzjonijiet, peress li dan qed iwassal biex ma jiġux ittrattati, fost l-oħrajn, kwistjonijiet li jikkonċernaw ksur serju tad-dritt tal-UE li huma ta' detriment għall-ħarsien tad-drittijiet taċ-ċittadini;
5. Ihegġegħ lill-Parlament u lill-Kummissjoni jadottaw ftehim interistituzzjonali vinkolanti dwar it-trattament tal-petizzjonijiet sabiex jiġi żgurat qafas legali ċar, prevedibbli u trasparenti mmirat lejn l-implimentazzjoni konsistenti tad-dritt ta' petizzjoni stabbilit fit-Trattati tal-UE u l-ħarsien effettiv tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini;
6. Jissottolinja li d-dritt ta' petizzjoni huwa element kruċjali tad-demokrazija parteċipattiva; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jrrikonoxxu d-dritt ta' petizzjoni bħala għodda ta' komunikazzjoni fundamentali bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll bħala element essenzjali ta' governanza demokratika u trasparenti fil-livell tal-UE;
7. Ifakkar li ħafna ċittadini Ewropej qed jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, peress li l-pjattaformi għad-dispożizzjoni tagħhom mhumiex konformi mal-istandards ta' aċċessibbiltà u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 33.2 tal-UNCRPD;
8. Jinnota li hemm il-ħtieġa li jsir titjib kbir, fil-limiti stabbiliti mit-Trattati tal-UE, biex jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini meta jeżerċitaw id-dritt li jressqu petizzjoni sabiex isolvu problemi individwali, b'tali mod li jiġu pprevenuti sitwazzjonijiet li fihom il-pubbliku jħossu diżappuntat bl-istituzzjonijiet tal-UE; jitlob li tingħata aktar informazzjoni liċ-ċittadini dwar id-dritt ta' petizzjoni u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jitħarsu bis-sħiħ id-drittijiet taċ-ċittadini li jirriżultaw mid-dritt tal-UE; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu informazzjoni ċara dwar id-dritt ta' petizzjoni u jinkoraġġixxu sistematikament ir-rikors għal dan l-istrument;
9. Huwa tal-fehma li hu importanti li jiġu diversifikati l-mezzi ta' komunikazzjoni u li tiżdied is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-assoċjazzjonijiet nazzjonali u lokali, permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' politika tal-Unjoni; jemmen li għandhom jiġu żviluppati fora interattivi online fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni, jaqsmu fehmiet u jesprimu ruħhom liberament, partikolarment bil-ħsieb li jintlaħqu ż-żgħażaġh;
10. Jirrimarka li l-frustrazzjoni tal-petizzjonanti dwar in-nuqqas ta' soluzzjonijiet reali għall-problemi tagħhom tista' tirriżulta f'sens ta' distakk mill-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll f'sensazzjoni ta' Ewroxettiċiżmu minħabba n-nuqqas ta' tweġibiet;
11. Jitlob kriterji komuni fit-trattament tal-petizzjonijiet differenti sabiex jiġi ggarantit

trattament standardizzat u koerenti tal-petizzjonijiet u jiġi evitat l-użu arbitrarju jew partiġġjan tat-talbiet taċ-ċittadini; jenfasizza li n-nuqqas ta' omoġeneità fit-trattament tal-petizzjonijiet jista' jikkawża konfużjoni fost il-petizzjonanti u jirriżulta f'li ċ-ċittadini b'mod aktar ġenerali f'it ikollhom volontà li jeżerċitaw id-dritt li jressqu petizzjoni;

12. Ifakkar, f'dan il-kuntest, li interpretazzjoni wisq ristretta u inkoerenti tal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tbiegħed liċ-ċittadini mill-UE; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri li jiżguraw l-applikazzjoni koerenti u komprensiva tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 51 u jistieden lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tistudja din il-mistoqsija;
13. Ifakkar fil-possibbiltajiet offruti mid-dritt ta' petizzjoni fir-rigward tat-twissija tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-possibbiltà ta' nuqqasijiet, ksur jew implimentazzjoni ħażina tad-dritt tal-Unjoni, kemm f'każijiet konkreti kif ukoll f'livell sistemiku; jinsisti fuq il-potenzjal tal-petizzjonijiet individwali bħala għodda għall-applikazzjoni u t-titjib tad-dritt tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, bħala l-gwardjana tat-Trattati, tagħti aktar attenzjoni lill-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, inklużi dawk individwali, u tiżgura li dawn jiġu investigati kif suppost sabiex ikun jista' jsir titjib ġenwin fl-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-UE fl-Unjoni kollha; jissottolinja li, f'każijiet fejn ma jkollhiex poteri leġiżlattivi, il-Kummissjoni għandha tuża b'mod effettiv il-possibbiltà li tagħxi billi tforni koordinazzjoni jew appoġġ sabiex toffri risposta diliġenti għall-problemi u l-bżonnijiet tal-petizzjonanti;
14. Josserva li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ittratta ħażna petizzjonijiet dwar il-COVID-19, prinċipalment bi proċedura urġenti; jifraħ lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-mod rapidu u effettiv li bih ittratta l-petizzjonijiet fi żminijiet ta' kriżi kbira, li huwa prerekwiżit għall-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE;
15. Ifakkar li d-dritt ta' petizzjoni huwa element essenzjali taċ-ċittadinanza tal-Unjoni; jesprimi dispjaċir kbir li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport tal-2020 dwar iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija ma jsemmux id-dritt ta' petizzjoni; jemmen li din kienet opportunità mitlufa biex tizzied il-viżibbiltà ta' wieħed mill-aspetti taċ-ċittadinanza Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi d-dritt ta' petizzjoni fid-dokumenti strateġiċi tagħha;
16. Jitlob l-implimentazzjoni ta' analiżi dettaljata li tiżvela r-raġunijiet għaliex l-għadd ta' petizzjonijiet irreġistrati f'dawn l-aħħar snin naqas; jistieden lill-Kummissjoni tikkordina mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex isir studju sabiex jiġu identifikati l-ostakli ewlenin iffaċċjati fl-eżerċizzju tad-dritt ta' petizzjoni, kif ukoll kwalunkwe problema ta' komunikazzjoni li jista' jkun hemm; jitlob li jiġu implimentati l-mekkaniżmi neċessarji sabiex jiġu solvuti n-nuqqasijiet u l-problemi potenzjali li jinkixfu minn dan l-istudju;
17. Jikkritika lill-Kummissjoni għall-fatt li m'għandhiex sistema xierqa biex tiġbor informazzjoni dwar il-petizzjonijiet u kif dawn jorbtu ma' proċeduri ta' ksur jew atti tal-UE, kif ikkonfermat anke min-nuqqasijiet fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, li jirreferu għall-petizzjonijiet b'mod ġenerali ħażna;
18. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull sena tissorvelja, tanalizza u ttejjji rapport dwar il-

petizzjonijiet ittrattati u tiżgura li din l-analiżi tagħti kontribut għat-teħid ta' deċizzjonijiet politiċi fil-livell tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas iż-żmien meħtieġ biex twieġeb għat-talbiet tal-Parlament rigward il-petizzjonijiet;

19. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri juru involviment attiv u jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet u d-dibattiti dwar il-petizzjonijiet u jirrispondu għall-kwistjonijiet imqajma mill-petizzjonanti fil-livell tal-UE, b'mod partikolari billi jindirizzaw il-petizzjonijiet lill-awtoritajiet responsabbli u kompetenti, billi jiżguraw segwitu adegwat u billi jipparteċipaw fid-dibattiti parlamentari;
20. Jirrimarka li hemm bżonn jiġi żgurat segwitu adegwat għall-petizzjonijiet fil-ħidma parlamentari u leġiżlattiva; ifakkar li l-petizzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala għodda strateġika biex jitrawwem id-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew minqas fl-Artikolu 225 tat-TFUE, u b'hekk jiġu indirizzati l-lakuni u l-inkonsistenzi li joħorġu fid-dritt tal-UE permezz tal-petizzjonijiet sabiex jiġi żgurat il-ħarsien sħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini;
21. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-kumitati tal-Parlament, kif ukoll lill-Istati Membri, jikkooperaw aħjar mal-Kumitat PETI sabiex il-petizzjonanti jingħataw tweġiba b'mod effiċjenti u jiġu ssodisfati t-talbiet tagħhom; iqis li hu essenzjali li tiġi żgurata l-preżenza u l-involviment ta' rappreżentanti tal-Istati Membri meta l-petizzjonijiet ikunu qed jiġu diskussi fil-kumitat; iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tevita tweġibiet ġenerali u ttiprovdi tweġibiet immirati u mfassla apposta għall-petizzjonanti u t-talbiet tagħhom;
22. Jitlob lis-soċjetà ċivili kollha kemm hi tisfrutta l-potenzjal sħiħ tad-dritt ta' petizzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' bidliet strateġiċi u leġiżlattivi fil-livell tal-UE; jinkoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jagħmlu użu aħjar mill-petizzjonijiet bħala strumenti ta' demokrazija diretta sabiex jikkomunikaw it-tħassib tagħhom, kif ukoll kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jista' jkun hemm mad-dritt tal-Unjoni, lill-istituzzjonijiet Ewropej;
23. Jitlob li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tirrifletti u tiddibatti fuq id-dritt ta' petizzjoni u, flimkien mal-membri tal-pubbliku, tistudja modi kif l-informazzjoni dwar id-dritt ta' petizzjoni u l-aċċess għal tali dritt jistgħu jittejjbu, biex dan id-dritt isir strument aktar demokratiku u utli għaċ-ċittadini u għar-residenti fl-UE billi jpoġġihom f'kuntatt dirett mal-istituzzjonijiet tal-UE u jittrażmetti l-ilmenti tagħhom; jistieden lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ttiprovdi suġġerimenti biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt ta' petizzjoni fil-livell tal-UE;
24. Jitlob li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan il-Parlament u fir-relazzjonijiet interistituzzjonali tiegħu, peress li huwa l-uniku kumitat li jikkomunika direttament maċ-ċittadini; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu ddedikati aktar persunal u riżorsi lill-Kumitat PETI, minħabba l-kobor tax-xogħol tiegħu;
25. Jistieden lill-kumitati l-oħra jikkontribwixxu fi żmien xieraq għall-isforzi tal-Parlament li jirrispondu aktar malajr u b'mod aktar effettiv għall-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini u jqisu l-problemi kollha mqajma mill-petizzjonanti fil-ħidma leġiżlattiva kurrenti tagħhom; jistieden lill-kumitati l-oħra jagħtu attenzjoni lill-petizzjonijiet relatati mal-oqsma ta' kompetenza tagħhom fl-attivitajiet leġiżlattivi ta' kuljum tal-Parlament u

jirrispondu b'mod formali u konkret għall-aspettattivi mqajma mill-petizzjonijiet taċ-ċittadini;

26. Huwa tal-fehma li n-network tal-petizzjonijiet huwa għodda neċessarja biex jiġi ffaċilitat is-segwitu tal-petizzjonijiet bħala parti mill-ħidma parlamentari u leġislattiva, kif ukoll biex jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fost il-membri tiegħu, kemm fil-livell tekniku kif ukoll fil-livell politiku; jemma li dan in-network għandu jtejjeb id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE;
27. Jitlob aġġornament tal-Linji Gwida biex il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u kumitati oħra jingħataw l-awtorità meħtieġa biex iwettqu xogħolhom b'mod effettiv, minħabba l-fatt li, skont il-Linji Gwida⁴, meta jintalab jagħti l-opinjoni tiegħu, kumitat għandu jżen l-importanza tad-dritt ta' petizzjoni u l-volum ta' xogħol leġislattiv li jkollu quddiemu qabel ma jiddeċiedi jekk jagħtix opinjoni jew le, u li din ir-regola tippreċiedi t-Trattat ta' Liżbona u tirrifletti perċezzjoni antika dwar l-importanza tal-petizzjonijiet fil-ħidma parlamentari;
28. Jitlob li jsir sħarriġ tal-Ewrobarometru dwar l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew, sabiex tinġabar data li tagħmel possibbli kampanja ta' sensibilizzazzjoni b'saħħitha u aċċessibbli; huwa tal-fehma li sħarriġ regolari fil-livell tal-UE, ibbażat fuq sondaġġi transfruntiera, jgħin biex jiżdied l-għarfien tal-istituzzjonijiet Ewropej dwar it-tħassib taċ-ċittadini;
29. Jitlob li tinholq bażi ta' data komuni bejn il-Parlament u l-Kummissjoni sabiex jikkondividu informazzjoni b'mod trasparenti u kooperattiv dwar kull azzjoni ta' segwitu li l-Kummissjoni tkun ħadet fir-rigward tal-petizzjonijiet, inklużi l-EU Pilots u l-proċeduri ta' ksur, il-proposti leġislattivi u kwalunkwe att ieħor tal-UE;
30. Jitlob li d-dritt ta' petizzjoni u l-portal tal-petizzjonijiet tal-Parlament jiġu promossi b'mod aktar attiv permezz tal-midja soċjali, ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, ta' taħriġ tal-ġurnalisti u tal-kollegament ta' dan il-portal ma' portals ta' petizzjonijiet popolari użati miċ-ċittadini biex jinkiseb appoġġ fil-livell Ewropew u dak nazzjonali;
31. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jikkollegaw is-siti web tagħhom u l-pjattaforma tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa mal-portal tal-petizzjonijiet u jippromwovu dak il-portal permezz tal-mezzi tagħhom, inklużi r-rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, li għandhom jiġu mħeġġa jikkooperaw mal-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew;
32. Jitlob li jsir titjib fil-Portal tal-Petizzjonijiet biex ikun aktar viżibbli għall-pubbliku, aktar faċli għall-utent, aktar faċli biex wieħed jinnaviga fih u aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha, speċjalment għall-persuni b'diżabilità; jitlob li jkun hemm funzjoni mtejba ta' analiżi tad-data fil-bażi tad-data ePetition biex jiġi ffaċilitat it-tiftix ta' petizzjonijiet preċedenti dwar l-istess suġġett mill-ePetition; jitlob li jkun hemm proċess semplifikat biex iċ-ċittadini jappoġġjaw petizzjoni mressqa permezz tal-portal online u b'hekk tali

⁴ Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-Parlament Ewropew, Linji Gwida dwar it-trattament tal-petizzjonijiet min-naħa tal-kumitati permanenti, 14 ta' Lulju 1998, PE225.233.

proċess jippermetti użu aqwa tad-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni;

33. Josserva li l-petizzjonanti m'għandhomx aċċess f'ħin reali għal informazzjoni dwar l-istatus tal-petizzjonijiet tagħhom; jitlob, għalhekk, li ssir pubblika u tintwera fuq il-portal tal-petizzjonijiet aktar informazzjoni rigward, pereżempju, l-istatus tal-petizzjoni u l-investigazzjonijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet oħra f'dan ir-rigward; jitlob sinerġija akbar bejn il-portal u l-bażi tad-data interna tal-Parlament sabiex tiġi promossa trasparenza akbar fit-trattament tal-petizzjonijiet;
34. Jitlob li tinġabar aktar informazzjoni dwar il-profil tal-petizzjonanti, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, sabiex jiġu identifikati l-gruppi li mhumiex irrappreżentati biżżejjed fir-rigward tal-eżerċizzju tad-dritt ta' petizzjoni u biex jiġu mmirati b'kampanji ta' komunikazzjoni adattati;

Il-funzjoni tal-Ombudsman Ewropew

35. Ifakkar fl-importanza tad-dritt ta' kull ċittadin u persuna fiżika jew ġuridika residenti fl-UE li jressqu lment quddiem l-Ombudsman Ewropew dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni; iqis li l-ilmenti indirizzati miċ-ċittadini lill-Ombudsman jikkostitwixxu element essenzjali tad-demokrazija parteċipattiva u tal-leġittimità tal-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-Unjoni; ifakkar li d-dritt li wieħed jirreferi kwistjoni lill-Ombudsman isaħħaħ l-involviment u l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE peress li dan id-dritt jipromwovi t-trasparenza u l-amministrazzjoni tajba fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE;
36. Jenfasizza l-mod kif qed jevolvi r-rwol tal-Ombudsman, li tista' taġixxi fuq inizjattiva proprja biex tappoġġja l-ġlieda kontra l-problemi sistemiċi fl-amministrazzjoni tal-UE u taħdem favur amministrazzjoni tajba, jiġifieri li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni josservaw l-aktar standards stretti; f'dan il-kuntest, jemmen li r-rwol tal-Ombudsman huwa aktar importanti minn qatt qabel, fid-dawl tal-fatt li l-amministrazzjoni Ewropea, permezz tal-aġenziji tagħha, qed ikollha rwol dejjem aktar importanti fil-ħajja taċ-ċittadini f'oqsma bħall-ambjent, il-migrazzjoni u s-saħħa;
37. Ifakkar li l-Ombudsman Ewropew għandha s-setgħa li tagħmel rakkomandazzjonijiet, proposti għal soluzzjonijiet u suġġerimenti għal titjib bil-ħsieb li ssolvi problema dwar każijiet varji ta' amministrazzjoni ħażina; josserva li meta lment jaqa' barra mill-ambitu tal-mandat tagħha, l-Ombudsman tista' tagħti parir lill-persuna li ressqet l-ilment tirreferi l-ilment lil awtorità oħra jew lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; josserva li fl-2020, l-uffiċċju tal-Ombudsman irċeviet aktar minn 1 400 ilment li ma kinux jidħlu fl-ambitu tal-mandat tal-Ombudsman, prinċipalment għax ma kinux jikkonċernaw l-attivitajiet relatati mal-amministrazzjoni fil-livell tal-UE;
38. Jistieden lill-Ombudsman tissorvelja aktar mill-qrib il-mod kif jintefqu l-fondi tal-UE u l-baġit tal-UE u tivverifika li l-interessi tal-UE mhumiex qed jiġu kompromessi minn ksur tal-istat tad-dritt, kwalunkwe ksur tal-prinċipji u l-valuri tal-UE, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess, b'mod partikolari fil-qafas tal-pjan ta' rkupru Ewropew, Next Generation EU; jissottolinja li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa kundizzjoni essenzjali għall-aċċess għall-fondi Ewropej; huwa tal-fehma li din il-kundizzjonalità dwar ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-fatt li l-Unjoni Ewropea ma tikkompromettix il-valuri tagħha min-natura tagħhom isaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni u juru l-impenn sod

tal-UE favur il-kwalità demokratika fit-territorju tagħha kollu;

39. Ifakkar li r-relazzjonijiet mal-Ombudsman huma fost ir-responsabbiltajiet li r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jagħtu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet;
40. Jilqa' l-bidliet li saru dan l-aħħar fl-Istatut tal-Ombudsman Ewropew, li jgħibu l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Ombudsman konformi mat-Trattat ta' Liżbona u jkomplu jsaħħu d-dritt taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE li jilmentaw dwar amministrazzjoni ħażina, b'mod partikolari fl-oqsma tal-protezzjoni tal-informaturi, il-fastidju u l-kunflitti ta' interess fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE; ifakkar li l-Istatut il-ġdid tal-Ombudsman jiċċara wkoll il-kundizzjonijiet li bihom l-Ombudsman tista' twettaq inkjesti fuq inizzjattiva proprja, li jtenni li l-Ombudsman tista' tikkoopera mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE; f'dan il-kuntest, jemmen bis-sħiħ li l-Ombudsman għandha tiġi allokata baġit miżjud, li jipprovdilha r-riżorsi meħtieġa biex tittratta b'mod effettiv iż-żieda fl-ammont ta' xogħol u biex tkompli taħdem b'mod kompetenti għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman fir-rigward tat-trasparenza u kwistjonijiet etiċi oħra;
41. Ifakkar li ċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-UE; jifraħ lill-Ombudsman tax-xogħol notevoli li wettqet fuq l-aċċessibbiltà tad-dokumenti tal-UE, b'mod partikolari dwar l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għat-trattament ta' dawn it-talbiet; jistieden lill-koleġiżlaturi jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman f'dak li jikkonċerna r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinkoraġġixxu r-reviżjoni tiegħu; iqis li r-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 hija prijorità, sabiex jiġu żgurati trasparenza sħiħa u aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti fil-pussess tal-istituzzjonijiet tal-UE; jenfasizza l-importanza tal-kompiti relatati mat-trasparenza tal-Ombudsman għad-demokrazija Ewropea, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-aċċessibbiltà tad-dokumenti għaċ-ċittadini Ewropej, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ d-dritt tagħhom għal informazzjoni u tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew; jistieden lill-Ombudsman tkompli bl-isforzi tagħha f'dan ir-rigward, peress li l-possibbiltà ta' aċċess f'waqtu għad-dokumenti bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE hija essenzjali biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni adegwata taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
42. Jifraħ lill-Ombudsman għall-ħidma imwettqa fil-qasam tal-promozzjoni tal-multilingwiżmu għaċ-ċittadini u talli ppubbikat sett ta' rakkomandazzjonijiet lill-amministrazzjoni tal-UE dwar l-użu tal-lingwi uffiċjali tal-UE meta tikkomunika mal-pubbliku, rakkomandazzjonijiet li jagħtu gwida dwar kif u meta tikkomunika b'liema lingwa sabiex tissalvagwardja d-diversità lingwistika tal-UE;
43. Ifakkar li wieħed mill-modi kif intejbu l-perċezzjoni li ċ-ċittadini għandhom tal-UE huwa billi nrendu l-UE aktar komprensibbli u trasparenti għalihom; iqis li l-Kunsill għandu jkompli jaħdem fuq it-titjib tat-trasparenza tiegħu u jistiednu jimplementa xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet magħmula ripetutament mill-Parlament u mill-Ombudsman;
44. Iqis li huwa importanti ħafna li tkompli tiġi pprovduta liċ-ċittadini tal-UE informazzjoni

adegwata dwar ir-rwol u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-Ombudsman u dwar l-influenza tagħha fuq l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet tal-UE; jistieden lill-Ombudsman tkompli xxerred informazzjoni dwar ir-riżultati ta' investigazzjonijiet li wasslu għal aktar trasparenza fin-negozjati kummerċjali tal-UE, tippubblika r-riżultati ta' provi kliniċi ta' mediċini vvalutati fl-UE, tistabbilixxi mekkaniżmi ta' lment għal dawk li jfittxu ażil u ttejjeb ir-regoli tal-etika applikabbli għall-Kummissarji Ewropej;

45. Jistieden lill-Ombudsman tkompli tikkonsolida n-Network Ewropew tal-Ombudsmen sabiex tippromwovi d-dritt ta' rikors għal Ombudsman kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew u biex tibqa' konnessa mar-realtajiet nazzjonali ta' ċittadini u attenda għalihom; jemmen li huwa neċessarju li jiżdiedu l-interazzjonijiet u l-iskambji tal-aħjar prattiki bejn l-ombudsman nazzjonali u reġjonali u l-Ombudsman Ewropew sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu informati aktar dwar id-drittijiet tagħhom u jkollhom gwida aqwa meta jressqu lmenti;

L-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej

46. Jissottolinja li l-IĊE hija strument uniku ta' demokrazija parteċipattiva u għodda fundamentali; jenfasizza l-fatt li l-IĊE tirrappreżenta opportunità eċċezzjonali biex iċ-ċittadini tal-Unjoni jidentifikaw u jpoġġu l-kwistjonijiet jew il-materji li jikkonċernawhom fuq l-aġenda politika Ewropea, jartikolaw l-aspirazzjonijiet tagħhom u jitolbu lill-UE taġixxi u tilleġiżla, u li l-użu tal-IĊE jrid jiġi mħeġġeġ u appoġġjat bil-mezzi kollha disponibbli; ifakkar, b'rabta ma' dan, fl-obbligi li għandhom il-Kummissjoni u l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2019/788, b'mod partikolari li jqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-eżistenza, l-oġettivi u l-funzjonament tal-IĊE, u jipprovdu assistenza u appoġġ prattiku lill-organizzaturi ta' IĊE; iqis, f'dan ir-rigward, li l-kontribut tal-Parlament għall-obbligi ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni għandu jiġi ċċarat;
47. Jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha aħjar mal-IĊE validi, u tirrimedja n-nuqqas ta' segwitu leġiżlattiv, sabiex tilħaq l-għan li ssaħħa il-leġittimità demokratika tal-Unjoni permezz tal-parteċipazzjoni msaħħa ta' ċittadini fil-ħajja demokratika u politika tagħha; jemmen, għalhekk, li l-Kummissjoni għandha turi kunsiderazzjoni u impenn ġenwini biex tissodisfa l-aspettattivi ta' ċittadini fir-rigward tal-IĊE validi;
48. Ifakkar li kien f'it biss l-IĊE li kellhom suċċess li rċevew segwitu adegwat mill-Kummissjoni;
49. Jikkunsidra li huwa essenzjali għad-demokrazija Ewropea li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jikkontribwixxu fl-eżerċizzju tal-prerogattivi leġiżlattivi tal-Unjoni u jkunu involuti b'mod dirett fit-tneidja tal-proposti leġiżlattivi; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-proposti ta' kull IĊE valida, u tikkonforma bis-sħiħ mal-obbligu legali tagħha li tesponi b'mod ċar, komprensibbli u dettaljat ir-raġunijiet tagħha għat-teħid jew in-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni; ifakkar fl-obbligu tal-Parlament li jivvaluta kull IĊE valida u l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2019/788 u l-Artikolu 222(9) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, b'mod partikolari meta l-Kummissjoni tonqos milli tressaq proposti bħal dawn jew tonqos milli timplimentahom;
50. Jitlob li r-rwol tal-Parlament jissaħħa aktar u li jissaħħu r-rabtiet tiegħu mal-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-IĊE speċifiċi validi u l-implimentazzjoni tagħhom min-naħa tal-Kummissjoni; jemmen li fil-każijiet speċifiċi li fihom il-Kummissjoni tonqos milli tippubblika l-intenzjonijiet tagħha fi żmien l-iskadenza b'mod konformi mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/788, jew tindika f'komunikazzjoni li biħsiebha ma tiħux azzjoni fir-rigward ta' IĊE li tkun issodisfat ir-rekwiżiti proċedurali, jiġifieri li l-inizjattiva tirrispetta l-liġi primarja tal-UE u ma tmurx kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE u d-drittijiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament jista' jiddeċiedi li jagħti segwitu għall-IĊE permezz ta' rapport fuq inizjattiva proprja leġiżlattiva (INL) skont l-Artikolu 222 tar-Regoli ta' Proċedura; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta proposta leġiżlattiva wara l-adozzjoni mill-Parlament ta' tali INL; jemmen li, kieku kellu jseħħ każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni mill-ġdid approfondita tar-rispons inizjali tagħha, u b'hekk tirrispetta bis-sħiħ l-INL tal-Parlament; jitlob li r-Regolament (UE) 2019/788 jiġi emendat biex jinċentiva lill-Kummissjoni tressaq proposta għal atti legali dment li s-sottomissjoni tal-IĊE tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma b'mod ċar liċ-ċittadini dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri sabiex tkun ċerta li l-IĊE jmissu suġġetti u kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenzi tal-Kummissjoni li tipproponi atti legali, kif ukoll tagħti pariri prattiċi u f'waqthom lill-organizzaturi dwar l-abbozzar tal-IĊE u tagħmel użu adegwat mill-possibbiltà li parzjalment tirreġistra IĊE; jenfasizza li IĊE reċenti talbu lill-UE taġixxi aktar, b'aktar ħeffa, partikolarment fl-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa, il-benesseri tal-annimali u d-drittijiet ċivili u politiċi, bħall-inizjattivi Minority SafePack u End the Cage Age li rċevew appoġġ kbir ħafna; itenni l-ħtieġa, għalhekk, li tiġi applikata l-aktar interpretazzjoni wiesgħa possibbli lill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tipproponi atti legali;
52. Ifaħħar lill-Kummissjoni talli organizzat seminars ta' informazzjoni u talli organizzat Ġimġha ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej fl-2020, li ġabret flimkien rappreżentanti tal-istituzzjonijiet, membri tas-soċjetà ċivili u organizzaturi ta' inizjattivi preċedenti u attwali, bl-għan li jirriflettu kif dan l-istrument jista' jittejjeb; iqis, madankollu, li l-IĊE xorta mhijiex magħrufa ħafna; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, biex iżżid il-viżibbiltà mal-midja ta' din l-għodda parteċipattiva, b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/788;
53. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta bis-sħiħ il-miżuri temporanji fir-Regolament (UE) 2020/1042, b'enfasi partikolari fuq l-estensjoni tal-perjodi ta' ġbir u l-impatt tagħha fuq il-kapaċità tal-organizzaturi li jimmobilizzaw l-appoġġ għall-IĊE tagħhom sabiex tinkiseb informazzjoni, fost l-oħrajn, li tkun utli fil-proċess ta' rieżami tar-Regolament (UE) 2019/788; iqis li jekk minn din l-evalwazzjoni jirriżulta dawn kienu pożittivi, tista' tiġi prevista estensjoni ta' dawn il-miżuri temporanji għal perjodu itwal;
54. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-għodda tal-IĊE biex tagħmel il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini aktar aċċessibbli, peress li l-għadd ta' IĊE li fl-aħħar mill-aħħar irnexxielhom iwasslu għall-bidu ta' atti delegati huwa wieħed baxx; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-miżuri deskritti fir-Regolament (UE) 2019/788 biex jittejjeb il-mod li bih iċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jappoġġjaw IĊE, u jitlob li l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tiġi vvalutata; jistieden lill-Kummissjoni twettaq

valutazzjoni bir-reqqa tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt fir-rapport tagħha li jmiss dwar iċ-ċittadinanza tal-UE u tiddekrivi l-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jistgħu jiġu introdotti biex ikompli jittejjeb l-eżerċizzju ta' dan id-dritt;

55. Huwa tal-opinjoni li l-mod kif inhuma fformulati r-risposti uffiċjali mill-Kummissjoni lill-inizjattivi taċ-ċittadini li jirnexxu jista' jinfluwenza b'mod sinifikanti kif l-istrument jiġi evalwat miċ-ċittadini u li hemm bżonn ta' sforz akbar u eżami aktar prudenti fil-każ ta' kull inizjattiva li tirnexxi sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tqis b'mod adegwat il-proposti taċ-ċittadini;
56. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mekkaniżmi parteċipattivi permanenti li jippermettu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;
57. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' segwitu xieraq għal IĊE li ma jirnexxux ħalli l-kontribut taċ-ċittadini jiġi evalwat b'mod serju u effettiv, inkluż billi ċ-ċittadini jiġu diretti jirrikorru għand il-Kumitat għall-Petizzjonijiet, peress li n-nuqqas ta' impatt jista' jwassal għad-diżimpenn; jissottolinja r-rwol imsaħħa li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jeħtieġu jaqdi tul il-proċessi ta' smiġh kollha kemm huma; jistieden lill-Kummissjoni tikkollabora b'mod tempestiv mal-Parlament wara li IĊE titqies li tkun valida, sabiex il-Parlament ikun jista' juża bis-sħiħ il-perjodu ta' tliet xhur biex jorganizza s-seduta ta' smiġh mill-kumitati rilevanti, u jħejji d-dibattiti u r-riżoluzzjonijiet fil-plenarja dwar IĊE validi; jinsisti li l-oġettiv tat-terminu itwal previst mir-Regolament (UE) 2019/788 li fih il-Kummissjoni tirrispondi għal IĊE validi huwa fundamentalment biex jippermetti lill-Kummissjoni tikkunsidra bis-sħiħ il-fehmiet u l-pożizzjonijiet dwar l-IĊE espressi matul il-fażi ta' eżami u tqis kif xieraq l-għażliet possibbli għall-proposti għal atti legali;
58. Jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni li ttejjeb u ssaħħa il-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, li huwa wkoll obbligu legali li joħroġ mir-Regolament (UE) 2019/788; jinsisti li l-forum għandu jipprovdi gwida Prattika u appoġġ legali lill-organizzaturi u jservi bħala għodda għall-bini tal-kapaċità għat-tnejja, l-appoġġ u s-sostenn tal-IĊE fil-fażi tal-ġbir u l-promozzjoni tal-IĊE bħala għodda għall-involvement taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni;
59. Jistieden lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex tagħti vuċi diretta liċ-ċittadini tal-Unjoni biex jiddiskutu l-effettività tal-implimentazzjoni tal-IĊE u l-qafas legali attwali tagħha, u biex tippromwovi l-IĊE bħala għodda utli biex iċ-ċittadini jkun jistgħu jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Unjoni.
60. Jissottolinja li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa toffri opportunità biex tinftiehem aħjar il-ħtieġa tal-parteċipazzjoni fil-programm tal-UE u għalhekk tista' ttiprovdi opportunità ta' riflessjoni dwar il-mod kif jista' jittejjeb u jiġu applikat il-proċess ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini; jenfasizza li l-Konferenza se tagħti spinta ġdida lid-diskussjoni Ewropea dwar it-tisħiħ tad-demokrazija, b'mod partikolari l-IĊE; jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ liċ-ċittadini li l-proposti tagħhom magħmula fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ma jkunux ġew ikkunsidrati fil-proposti tal-Kummissjoni biex jużaw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, inklużi l-IĊE;

Konklużjonijiet

61. Jissottolinja r-rwol tat-tliet strumenti parteċipattivi, li hu li jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-impenn taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE, u b'hekk jiksbu impatt dirett u konkret fuq l-aġenda politika tal-UE; jitlob il-ħolqien u l-promozzjoni fuq skala kbira ta' sit web interistituzzjonali aċċessibbli b'punt uniku ta' kuntatt għaċ-ċittadini tal-UE (u applikazzjoni li tkun faċli biex tintuża) biex tingħata informazzjoni dwar id-drittijiet u l-istrumenti demokratiċi kollha li jippermettu lill-pubbliku jipparteċipa b'mod dirett fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE u jinfluwenzah; huwa tal-fehma li tali pjattaforma b'punt uniku ta' kuntatt mhux biss tagħmel liċ-ċittadini aktar konxji mid-drittijiet tagħhom, iżda se tippromwovi wkoll il-komplementarjetà bejn l-istrumenti differenti;
62. Jenfasizza li l-ġbir regolari ta' informazzjoni dwar suġġetti li huma ta' interess għaċ-ċittadini u kwistjonijiet rikorrenti li jitqajmu fil-petizzjonijiet, l-inkjesti tal-Ombudsman Ewropew u l-IĊE se jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet aktar malajr, filwaqt li jiżguraw il-koerenza tal-politiki tal-UE għaċ-ċittadini tagħha;
63. Iqis li huwa essenzjali li ssir analiżi tal-problemi ta' komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u ċ-ċittadini li jirriżultaw fl-użu insuffiċjenti tal-mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini min-naħa tal-Ewropej; jitlob li jiġu allokat i r-riżorsi neċessarji sabiex tinxtered informazzjoni dwar l-eżistenza u l-funzjonament ta' dawn l-għodod fost il-pubbliku ġenerali;
64. Jitlob li l-pubbliku jiġu sensibilizzat dwar dawn it-tliet strumenti parteċipattivi, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, sabiex jiġi żgurat li jsiru għodod effettivi u utli għall-parteċipazzjoni demokratika; jenfasizza li l-istituzzjonijiet Ewropej kollha għandhom iżidu kemm jista' jkun l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħhom fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali biex jiżguraw li l-akbar numru possibbli ta' ċittadini jkunu jafu dwar it-tliet strumenti, jiġifieri l-IĊE, l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew u d-dritt ta' petizzjoni, u jiġu mħeġġa jipparteċipaw u jkunu involuti fihom; jenfasizza l-importanza li ċ-ċittadini jingħataw assistenza, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell lokali, permezz taċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct u d-Djar tal-Ewropa⁵, fit-tressiq ta' petizzjonijiet, IĊE u lmenti lill-Ombudsman Ewropew;
65. Jissottolinja r-rwol edukattiv u kruċjali li l-partijiet ikkonċernati akkademiċi jeħtiġilhom jaqdu fil-forniment tal-edukazzjoni ċivika Ewropea; iħeġġeġ lill-Istati Membri jgħallmu lill-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji u fl-universitajiet dwar it-tliet strumenti parteċipattivi tal-UE sabiex ikunu konxji tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u ta' kif jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv; jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-miri tal-programm Erasmus+ dwar il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' taġlim biex jiżviluppaw il-ħiliet ċiviċi u fehim tal-politiċi Ewropej; ifakkar li l-impenn ċiviku taż-żgħażaġh huwa fundamentali għall-futur tad-demokraziji kollha;
66. Jissottolinja l-importanza li jingħata aċċess sħiħ lill-persuni b'diżabilità għall-istrumenti differenti kollha li l-UE tipprovdi liċ-ċittadini, b'mod partikolari permezz tal-interpretazzjoni u t-traduzzjoni sistematiċi għal-lingwa tas-sinjali u għal lingwa faċli li tinqara;
67. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jindirizzaw l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-

⁵ "Maisons de l'Europe" bil-Franċiż, <https://www.maisons-europe.eu/>

gruppi vulnerabbli ta' persuni li huma sottorappreżentati u li ma jistgħux jaslu biex il-kwistjonijiet tagħhom jiġu indirizzati, u jinvolvuhom fil-proċess deċiżjonali;

68. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi t-tliet strumenti parteċipattivi fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ 2019–2027 "L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija tal-UE ġdida dwar iż-Żgħażaġħ", b'mod partikolari fl-ambitu tal-oqsma ta' azzjoni "L-Impenn" u "il-Konnessjoni";
69. Ifakkar li l-politika ta' komunikazzjoni multilingwi tal-UE u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni u dokumenti bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE huma element kruċjali fil-komunikazzjoni maċ-ċittadini mill-Istati Membri kollha u fl-involvement tagħhom, hekk li trid tissaħħaħ; jenfasizza l-importanza tagħha fil-kanali kollha ta' komunikazzjoni, inkluża l-midja soċjali, sabiex issir konnessjoni aħjar maċ-ċittadini, b'kunsiderazzjoni partikolari tal-ħtiġijiet speċjali tal-persuni b'diżabilità; jilqa' l-linji gwida ppubblikati mill-Ombudsman li jagħtu struzzjonijiet lill-istituzzjonijiet dwar kif jiżviluppaw il-politika tal-lingwa tagħhom bl-aktar mod faċli għaċ-ċittadini;
70. Jinsisti fuq il-bżonn li l-Parlament jiddiskuti r-rwol u d-daqs tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jirrimarka li huwa biss jekk korp kompetenti jieħu l-inkarigu li jagħti segwitu li jirnexxi l-għoti ta' aktar kunsiderazzjoni lit-talbiet taċ-ċittadini; jenfasizza li attwalment il-Kumitat għall-Petizzjonijiet la huwa kbir biżżejjed u lanqas m'għandu biżżejjed setgħat biex jissodisfa d-domanda fost iċ-ċittadini għall-assistenza tiegħu;
71. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sistema ta' petizzjoni tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet speċjali tal-persuni b'diżabilità, sabiex jiġi żgurat il-potenzjal demokratiku sħiħ tagħha u r-rwol ta' stabbiliment tal-aġenda; jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jużaw ir-riżorsi tagħhom biex iżidu l-attraenza ta' din l-għodda u jippromwovu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-liġi tal-UE; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jiġi allokat aktar finanzjament mill-UE għall-promozzjoni tal-mekkaniżmi parteċipattivi;
72. Jissottolinja l-ħtieġa li iċ-ċittadini jingħataw gwida ċara meta jiġu biex jagħżlu l-aktar għodda parteċipattiva xierqa għall-indirizzar tat-tħassib tagħhom, u b'hekk titjieb il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini; jemmen li huwa meħtieġ li jinftehm u l-ostakli li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini, b'mod partikolari l-Ewropej b'diżabilità, meta jressqu petizzjoni quddiem il-Parlament, ilment quddiem l-Ombudsman u inizjattiva lill-Kummissjoni, u li dawn l-ostakli jiġu rrimedjati;
73. jenfasizza, barra minn hekk, li huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-IĊE u l-petizzjonijiet li jkollhom impatt, fost l-oħrajn permezz ta' rappurtaġġ estensiv fil-midja jew permezz ta' deliberazzjoni mill-Kummissjoni jew mill-Parlament, sabiex jiġu identifikati l-istrateġiji li jkunu r-nexxew u l-prattiki tajba li jistgħu jintużaw bħala għodda ta' taġlim għall-futur;
74. Jissottolinja l-importanza tat-trasparenza fil-proċess tat-trattament tal-ilmenti u l-inizjattivi taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura trasparenza sħiħa; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tal-Ombudsman Ewropew biex l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE jsiru ħafna aktar trasparenti u responsabbli fil-konfront taċ-ċittadini tal-UE;

75. Jemmen bis-sħiħ li l-aċċess taċ-ċittadini għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet Ewropej huwa l-bażi tad-demokrazija parteċipattiva; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont min-naħa tal-istituzzjonijiet fil-konfront taċ-ċittadini;
76. Jenfasizza li d-dibattitu dwar il-futur tal-UE għandu jirriżulta fit-titjib tal-istrumenti għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, li jagħmilha possibbli li l-Unjoni ssir aktar demokratika, trasparenti u miftuħa għaċ-ċittadini tagħha;
- - ◦
77. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Ombudsman tagħhom jew lil korpi kompetenti simili.

9.11.2021

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Petizzjonijiet

Ninteraġixxu maċ-ċittadini: id-dritt li titressaq petizzjoni, id-dritt li jitressaq rikors quddiem l-Ombudsman Ewropew u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (2020/2275(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Helmut Scholz

(* Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Il-premessa H tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandha tinbidel kif ġej:

1. **"billi l-elezzjonijiet demokratiċi tal-Parlament Ewropew jikkostitwixxu l-istrument ewlieni minn isfel għal fuq biex iċ-ċittadini jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni; billi l-ICE tikkontribwixxi għall-funzjonament demokratiku tal-Unjoni; "billi ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom id-dritt minqax fl-Artikolu 11(4) tat-TUE li javviċinaw lill-Kummissjoni b'talba diretta biex din tippreżenta proposta, fil-limiti tas-setgħat tagħha, għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati; billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat fil-ġurisprudenza tagħha li l-kunċett ta' "att legali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat-Trattati" ma għandux jiġi interpretat b'mod restrittiv u li bis-saħħa tal-Artikolu 288 tat-TFUE tali att jista' jfisser kemm miżuri leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi; billi fl-istess spirtu, il-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li ttipponi att legali lanqas ma għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv";**

Il-premessa J tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandha tinbidel kif ġej:

2. **"billi l-Kummissjoni elenkat għadd ta' diffikultajiet marbuta mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2011/211 u billi r-Regolament 2019/788 il-ġdid għandu l-għan li jindirizza dawk il-kwistjonijiet fid-dettall fejn tidħol l-effettività tal-istrument tal-ICE u jtejjeb il-funzjonament tiegħu; billi l-implimentazzjoni tiegħu jeħtieġ tiġi vvalutata b'mod effettiv u f'waqtu; billi f'kull każ għandu jiġi ppreżentat rapport formali mill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024, u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem";**

Il-premessa K tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandha tinbidel kif ġej:

3. billi, sabiex tilħaq dawn l-għanijiet **u tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-IĊE**, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-IĊE għandhom jiżguraw li l-inizjattivi **li huma validi fis-sens tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 788/2019** jingħataw kunsiderazzjoni u rispons xierqa mill-Kummissjoni; **billi l-Kummissjoni hija legalment obbligata tindika l-azzjoni li biħsiebha tieħu fir-rigward ta' IĊE valida, jekk tieħu azzjoni, u tindika b'mod ċar, komprensibbli u dettaljat ir-raġunijiet il-għala tkun ħadet jew ma ħaditx azzjoni**; billi huma meħtieġa mill-inqas miljun firma minn kwart tal-Istati Membri biex IĊE **tkun valida u** titressaq quddiem il-Kummissjoni; billi **r-Regolament (UE) 2020/1042** **renda l-iskadenzi għall-istadji tal-ġbir, il-verifika u l-eżami** aktar flessibbli minħabba l-pandemija globali relatata mal-COVID-19 **bl-introduzzjoni ta' miżuri temporanji**; **billi l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri ġiet estiża permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni**; **billi dan ir-regolament huwa ta' natura temporanja u japplika biss sa tmiem l-2022, li hija wkoll id-data sa meta s-sistemi individwali ta' ġbir online previsti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/788 se jitneħħew gradwalment**";

Il-premessa L tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandha tinbidel kif ġej:

4. "billi **l-organizzazzjoni ta' IĊE u l-espressjoni ta' appoġġ għaliha jikkostitwixxu** dritt politiku għaċ-ċittadini **tal-Unjoni**, kif ukoll strument uniku biex jiġu ddefiniti l-prijoritajiet fir-rigward tad-demokrazija parteċipattiva fl-UE, biex iċ-ċittadini jkun jista' jkollhom sehem attiv fil-proġetti u l-proċessi li jaffettwawhom"; **billi s'issa kien hemm sitt IĊE validi, li lkoll irċeview tweġiba mill-Kummissjoni, l-aktar reċenti l-inizjattivi Minority SafePack u End the Cage Age**; **billi dawn l-inizjattivi kienu l-ewwel IĊE li ġew diskussi fil-Parlament wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/788 il-ġdid u b'mod konformi mal-Artikolu 222(8) li għadu kif ġie introdott fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament**; **billi r-risoluzzjonijiet sussegwenti ġew adottati mill-Parlament f'Diċembru 2020 u f'Ġunju 2021 rispettivament b'maġġoranzi kbar ta' 76 % u 82 % tal-voti mitfugħa**";

L-ewwel klawżola tal-paragrafu 22 tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jinbidel kif ġej:

5. "Jistieden lill-Ombudsman **tiżgura li l-interessi tal-Unjoni** ma jiġux imminati minn **każijiet ta'** amministrazzjoni ħażina **fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenzji tal-UE**, **b'mod partikolari dawk relatati ma' każijiet ta'** korruzzjoni jew kunflitti ta' interess, inkluż fil-kuntest ta' Next Generation EU";

Il-paragrafu 27 tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jinbidel kif ġej:

6. "Jissottolinja li l-IĊE hija strument **uniku ta' demokrazija parteċipattiva fl-UE**; jenfasizza l-fatt li l-IĊE hija opportunità eċċezzjonali biex iċ-ċittadini **tal-Unjoni** jidentifikaw u jartikolaw l-aspirazzjonijiet tagħhom u jitolbu **l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi min-naħa** tal-UE, u li l-Inizjattiva trid tiġi mħeġġa u appoġġjata bil-mezzi kollha disponibbli; **ifakkar, b'rabta ma' dan, fl-obbligi li għandhom il-Kummissjoni u**

l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2019/788, jiġifieri li jqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-eżistenza, l-oġettivi u l-funzjonament tal-IĊE u jipprovdu assistenza u appoġġ prattiku lill-organizzaturi ta' IĊE; iqis, f'dan ir-rigward, li l-kontribut tal-Parlament għall-obbligi ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni għandu jiġi ċċarat";

Il-paragrafu 27a ġdid tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jiddaħħal kif ġej:

7. *"Jiddispijaċih li l-Kummissjoni naqset milli teżamina bir-reqqa l-IĊE validi; jemmen li l-Kummissjoni għandha, minflok, turi kunsiderazzjoni u timpenja ruħha b'mod ġenwin biex tissodisfa l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward ta' IĊE validi";*

Il-paragrafu 28 tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jinbidel kif ġej:

8. *"Jikkunsidra li huwa essenzjali li ċ-ċittadini jkun jistgħu jikkontribwixxu fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-proposti ta' kull ECI valida, u tikkonforma bis-sħiħ mal-obbligu legali tagħha li tesponi b'mod ċar, komprensibbli u dettaljat ir-raġunijiet tagħha għat-teħid jew in-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni; ifakkar fl-obbligu tal-Parlament li jivvaluta kull IĊE valida u l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2019/788 u l-Artikolu 222(9) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, b'mod partikolari meta l-Kummissjoni tonqos milli tressaq proposti bħal dawn jew tonqos milli timplimentahom";*

Il-paragrafu 28a ġdid tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jiddaħħal kif ġej:

9. *"Jitlob li r-rwol tal-Parlament jissaħħaħ aktar u li jissaħħu r-rabtiet tiegħu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-IĊE speċifiċi validi u l-implimentazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni; jemmen li fil-każijiet speċifiċi li fihom il-Kummissjoni tonqos milli tippubblika l-intenzjonijiet tagħha fi żmien l-iskadenza b'mod konformi mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/788, jew tindika f'komunikazzjoni li biħsiebha ma tiħux azzjoni fir-rigward ta' IĊE li tkun issodisfat ir-rekwiżiti proċedurali, jiġifieri li l-inizjattiva tirrispetta l-liġi primarja tal-UE u ma tmurx kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE u d-drittijiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Parlament jista' jiddeċiedi li jagħti segwitu għall-IĊE permezz ta' rapport fuq inizjattiva proprja leġiżlattiva (INL) skont l-Artikolu 222 tar-Regoli ta' Proċedura; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta proposta leġiżlattiva wara l-adozzjoni mill-Parlament ta' tali INL; jemmen li, f'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni mill-ġdid approfondita tar-rispons inizjali tagħha, u b'hekk tirrispetta bis-sħiħ l-INL tal-Parlament; jitlob li r-Regolament (UE) 2019/788 jiġi emendat biex jinċentiva lill-Kummissjoni tressaq proposta għal att legali dment li s-sottomissjoni tal-IĊE tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti";*

Il-paragrafu 29 tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jinbidel kif ġej:

10. *"Jistieden lill-Kummissjoni tinforma b'mod ċar liċ-ċittadini dwar id-diviżjoni tal-*

kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri sabiex l-IĊE jmissu ma' suġġetti u kwistjonijiet ta' kompetenza tal-Kummissjoni li tipproponi atti legali, u tagħti pariri prattiċi u f'waqthom lill-organizzaturi dwar it-tħejija ta' IĊE u tagħmel użu adegwat mill-possibbiltà li parzjalment tirreġistra IĊE; jixtieq jenfasizza li IĊE rreġistrati reċentement u oħrajn pendent iitolbu lill-UE taġixxi aktar, partikolarment fl-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa, il-benesseri tal-annimali u d-drittijiet ċivili u politiċi, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi; itenni l-ħtieġa, għalhekk, li l-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tipproponi atti legali jingħata l-aktar interpretazzjoni wiesgħa possibbli";

Il-paragrafu 29a ġdid tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jiddaħħal kif ġej:

11. *"Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta bis-sħiħ il-miżuri temporanji fir-Regolament (UE) 2020/1042, b'enfasi partikolari fuq l-estensjoni tal-perjodi ta' ġbir u l-impatt tagħha fuq il-kapaċità tal-organizzaturi li jimmobilizzaw l-appoġġ għall-IĊE tagħhom sabiex tinkiseb informazzjoni, fost l-oħrajn, li tkun utli fil-proċess ta' rieżami tar-Regolament (UE) 2019/788; iqis li jekk minn din l-evalwazzjoni jirriżulta dawn kienu pożittivi, tista' tiġi prevista estensjoni ta' dawn il-miżuri temporanji għal perjodu itwal;"*

Il-paragrafu 30 tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jinbidel kif ġej:

12. *"Jissottolinja l-miżuri deskritti fir-Regolament (UE) 2019/788 biex jittejjeb il-mod ta' kif iċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jappoġġjaw IĊE, b'kunsiderazzjoni tal-għadd baxx ta' IĊE validi li rnekkew f'termini ta' tnedija ta' atti legali; jitlob li l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tiġi vvalutata; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt fir-rapport tagħha li jmiss dwar iċ-ċittadinanza tal-UE u tiddekrivi l-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jistgħu jiġu introdotti biex ikompli jittejjeb l-eżerċizzju ta' dan id-dritt";*

It-tielet u r-raba' klawżoli tal-paragrafu 32 tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jinbidel kif ġej:

13. *"Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' segwitu xieraq għal IĊE li ma jirnexxux sabiex il-kontribut taċ-ċittadini jiġi evalwat b'mod effettiv, inkluż li iċ-ċittadini jiġu diretti lejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet, peress li n-nuqqas ta' impatt jista' jwassal għal diżimpenn; jissottolinja r-rwol li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jeħtieġu jkollu matul il-proċessi ta' smiġh; jistieden lill-Kummissjoni tikkollabora b'mod waqtu mal-Parlament wara li IĊE titqies li tkun valida sabiex il-Parlament ikun jista' juża bis-sħiħ il-perjodu ta' tliet xhur għall-organizzazzjoni tas-seduti ta' smiġh u jħejji d-dibattiti fil-plenarja u r-riżoluzzjonijiet dwar IĊE validi; jinsisti li l-objettiv tat-terminu itwal previst mir-Regolament (UE) 2019/788 biex il-Kummissjoni tirrispondi għal IĊE validi huwa fundamentalment dak li jippermetti lill-Kummissjoni tikkunsidra bis-sħiħ il-fehmiet u l-pożizzjonijiet dwar l-IĊE espressi matul il-fażi ta' eżami u tqis kif xieraq l-għażliet possibbli għall-proposti għal atti legali";*

Il-paragrafu 33 tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jinbidel kif ġej:

14. "Jilqa' bi pjaċir ***l-impenn tal-Kummissjoni*** li ttejjeb u ssaħħaħ il-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, ***li huwa wkoll obbligu legali li joħroġ mir-Regolament (UE) 2019/788; jinsisti li l-forum għandu jipprovi gwida Prattika u appoġġ legali lill-organizzaturi u jservi bħala għodda għall-bini tal-kapaċità għat-tnedija, l-appoġġ u s-sostenn tal-IĊE fil-fażi tal-ġbir u l-promozzjoni tal-IĊE bħala għodda għall-involviment taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni***".

Il-paragrafu 33a ġdid tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jittratta l-kompetenzi esklużivi tal-Kumitat AFCO għandu jiddaħħal kif ġej:

15. "***Jistieden lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex tagħti vuċi diretta liċ-ċittadini tal-Unjoni biex jiddiskutu l-effettività tal-implimentazzjoni tal-IĊE u l-qafas legali attwali tagħha u biex tippromwovi l-IĊE bħala għodda utli biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Unjoni***".

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	9.11.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Damian Boeselager, Fabio Massimo Castaldo, Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, Daniel Freund, Esteban González Pons, Giuliano Pisapia, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Antonio Tajani, Guy Verhofstadt, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gunnar Beck, Angel Dzhambazki, Alin Mituța
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Stelios Kympouropoulos, Ljudmila Novak

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

20	+
ID	Gerolf Annemans, Antonio Maria Rinaldi
NI	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Esteban González Pons, Stelios Kypouropoulos, Ljudmila Novak, Sven Simon, Antonio Tajani, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Renew	Pascal Durand, Alin Mituța, Guy Verhofstadt
S&D	Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira
The Left	Helmut Scholz
Verts/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos Corfield, Daniel Freund

1	-
ID	Gunnar Beck

2	0
ECR	Angel Dzhambazki, Jacek Saryusz Wolski

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	27.1.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 1 0: 12
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Marc Angel, Margrete Auken, Alexander Bernhuber, Markus Buchheit, Ryszard Czarnecki, Tamás Deutsch, Francesca Donato, Eleonora Evi, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Emmanouil Fragkos, Malte Gallée, Gianna Gancia, Alexis Georgoulis, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Cristina Maestre Martín De Almagro, Dolors Montserrat, Ulrike Müller, Emil Radev, Sira Rego, Alfred Sant, Massimiliano Smeriglio, Yana Toom, Loránt Vincze, Michal Wiezik, Tatjana Ždanoka, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Demetris Papadakis, Ramona Strugariu, Marie-Pierre Vedrenne

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

21	+
ID	Markus Buchheit, Gianna Gancia
NI	Francesca Donato
Renew	Ulrike Müller, Ramona Strugariu, Yana Toom, Marie-Pierre Vedrenne, Michal Wiezik
S&D	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Marc Angel, Cristina Maestre Martín De Almagro, Demetris Papadakis, Alfred Sant, Massimiliano Smeriglio
The Left	Alexis Georgoulis, Sira Rego
Verts/ALE	Margrete Auken, Eleonora Evi, Malte Gällée, Tatjana Ždanoka

1	-
NI	Tamás Deutsch

12	0
ECR	Ryszard Czarnecki, Emmanouil Fragkos, Kosma Zlotowski#
PEE	Alexander Bernhuber, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Dolors Montserrat, Emil Radev, Loránt Vincze

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni